# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2438

Każ numru 3205/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Maria Concetta sive Connie Reiter
KI( 152354M)
u
Education Ltd

dwar kwistjoni ta' tkeccija ingusta

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum l-Erbgha 28 ta' Settembru 2016**

**1. Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Maria Concetta sive Connie Reiter, li minn issa ser tissejjah ir-rikorrenti, fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar l-14 Ta' Frar 2014 fejn issostni li mid-dokumentazzjoni ta l'ETC kif esebita ma' dan ir-rikors fejn hu indikat li it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti f' raguni mghotija u dikkjarata hija "dismissed on disciplinary grounds".
Illi ghalhekk, it-terminazzjoni ta' l-impieg tal-mittenti mis-socjeta ' intimata sar ghal raguni mhux valida fil-ligi.

Min-naħa ta' Education Limited, li min issa ser tissejjah is-socjeta intimata, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata 11 ta' Marzu 2014, tirispingi bil-qawwa l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u titlob lil dan it-Tribunal Industrijali jiddikjara t-terminazzjoni bhala gusta u skond il-ligi.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis- soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**2.1 Maria Concetta sive Connie Reiter**, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti kienet megħjuna mill-Avukat Ian Spiteri Bailey

**2.2** Education Limited, li minn issa l'quddiem ser tissejjaħ is-socjeta intimata, kienet rappreżentata mill-Avukat Paul Gonzi.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha fuq bazi part time mas-soċjetà intimata fil-10 ta' Frar 2009 fil-kariga Ta' Accounts Clerk

Minn nhar it-Tnejn 21/Tlieta 22 ta' Ottubru 2013 sehhew serje ta' avvenimenti kif deskritti fir-rikors li waslu sal- 1 ta' Novembru 2013 meta gie itterminat l-impieg taghha.

**4. Il-lista ta' dokumenti:**

Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrenti immarkati Dok A;B;C;D;E;F;G kif ukoll lista tax-xhieda. Dawn huma riferuti fir-rikors prezentat.

Minn naha taghha is-socjeta intimata ipprezentat Dok G;H;MG;MH;LS u Appendix 1sa 6,kif ukoll lista tax-xhieda hekk kif riferuti fir-risposta taghha.

**5. Gabra fil-qosor tax-xhieda:**

**5.1 Gabriella Mangion:** Accounts Executive tas-socjeta intimata fix -xhieda taghha spjegat id-divergenzi bejna u bejn ir-rikorrenti, li kienet thoss u tifhem hi fejn inholqot certu enimozita fir-relazzjoni bejnithom fuq il-post tax-xoghol, ikkonfermat li din kienet okkazzjoni ta' darba biss meta irrapurtat xi nuqqas ta' qbil bejna u bejn ir-rikorrenti permezz ta' email. ( Sed 7-05-2014 ).
Ix-xhud ghall mistoqsija rigward il-performance tar-rikorrenti irrispondiet hekk *"Bhala performance fuq ix-xoghol it was good"* (pag8)

Fix-xhieda taghha saret riferenza ghal xi kliem mhux dicenti u normali, fejn fix-xhieda taghha qalet
*"___________________ghaddejt normali il-gurnata bil-bqija tax-xoghol, imbaghad qisu xi l-hamsa u nofs ghidt huwa dmir tieghi li mmur nghid speci lil ta'fuqi____________" ( sed 7-05-2014 pag 4)*

**5.2 Analiza Caruana:** Sales executive tas-socjeta intimata, fix-xhieda taghha spjegat li ir-relazzjoni lavorattiva taghha mar-rikorrenti ma kienetex wahda pjacevoli, izda qalet li qatt ma irrrapurtat xejn rigward dan lis-superjuri taghha, "*Ha nerga ' nirrispondik bl-istess mod, jekk irrapurtajt no I didn't*" (sed 18/06/2014 pag 19

Ghal mistoqsija ta Avv. Ian Spiteri Bailey, ix-xhud tas-socjeta intimata fix-xhieda taghha irreferiet li l-okkazzjonijiet ta' nuqqas ta'qbil bejniethom kienu ta'aktar minn hames darbiet f'sena "*More than 5 occasions*." (sed 18/06/2014 pag10) pero hi ma kienetx tirraporthom kollha lil ta' fuqha.

Fuq mistoqsija ta' **L-Avv Ian Spiteri Bailey " ----- int ghidtilna wkoll li minn day 1 ma haditx grazzja mieghi, ghaliex qed tghid hekk?"** **ix-xhud irispondiet "** *Jien mill-attitudni taghha lejja, dik kienet l-impressjoni tieghi."* ( pag19),

Affidavit ta' **Louisa Sammut** data (19-05-2014).
*" ______________________________.The aim of the appraisal, like any other was to discuss elements of Ms Reiter's position in the company that were acceptable and those that needed to be improved on"*. ( pag 2 para 10)

*"___________________. During this meeting the employment contract was discussed and agreed upon________________________ a warning was issued by the general manager highlighting her unacceptable behaviour and attitude during the appraisal"*. (pag3 para 12).

**5.3 Mazen Hathout:** Generai manager tas-socjeta intimata.
Fix-xhieda tieghu jghid li prattikament offrew lir-rikorrenti kuntratt gdid sabiex permess tieghu jirregolarizzaw l-impieg taghha,ghax kienet part time.
*" id-diskussjoni waqt l-appraisal kienet prattikament skont relating to the contract, konna offrejnilha l-kuntratt tajniha l-kuntratt, u ovvjamnet qaltilna li trid taqrah id-dar bil-kwiet inbaghad tigi lura ________ Dak kien ovvjament il-bidu tal-performance appraisal* _________ahna minn dejjem konna ghidna lil Connie li ix-xoghol taghha fil-kumpanija dejjem kien appreciated, dejjem kien tajjeb, konna during the performance appraisal we had highlighted a few issues relatati mat-time management, imma besides that dejjem li ix-xoghol taghha kien tajjeb".. *(*Sed 18-06-2013 pag 29)

"*Correct. Ma kienetx diskussjoni kienet aktar biex formalisation of employment*" (pag 30)

Fix-xhiedha tal-general manager gie spjegat li kien qieghed jigi implimentat ghall-ewwel darba il-process ta' Performance Appraisal ghax " -------*konna qed naghmlu review lil quality management systems tal-kumpanija u kellna il-hsieb li napplikaw ghall ISO*---------------" (pag 31).

"_________*jien nerga nghid li Connie kienet tajba fix-xoghol taghha, li qed taghmel hi, besides a few time management issues, imma generalment li kien qed jibboderjana ahna bhala management kien l-attitudni u dak prattikament li ippruvajna to address during the performance appraisal*" (pag 32)

Fil-performance appraisal kummenti mill-Appraiser Mazen Hathout 30-10-13
"*Connie's excels in accuracy of work in view of the nature of the job, but needs to improve drastically on attitude_______________"*. (pag 6).

**5.4 Connie Reiter**
Ir-rikorrenti matul ix-xhieda taghha tat spjega in generali ta' kif kien ghaddej l-andament fuq il-post tax-xoghol sakemm waslet ghall gurnata meta filwaqt li kienu qeghdin joffrulha kuntratt ta' xoghol ghall-l-ewwel darba li kellu isir xi emendi li kien hemm qbil fuqha. Fl-istess okkazzjoni bdew

ikellmuha fuq il-performance appraisal li wara xi diskussjoni li saret fejn ma kienx hemm qbil bejn kemm ir-rikorrenti kif ukoll Louisa u Mazen Hathout dawn ipprezentawlha ittra bhal warning li hi irrifjutat li tiffirma. "*Fuq dak il-warning regghu geghluni niffirma l-warning u l-appraisal ukoll*". (Sed 18-03-2015 pag22).

Ir-rikorrenti fix-xhieda taghha spjegat gara fl-ahhar tal-laqgha "*Xejn imbaghad baqa' jipprova ghax issa zgur ma nistghux nahdmu flimkien, u int qatt ma iffirmajt, int qatt ma kont______m'hemmx izjed x'naghmlu hlief inkeccuk*". (sed 18-03-2015 pag 28).

Ir-rikorrenti irreferit ghall kummenti li kien qallha Mazen il-general manager " *Ehe fejn Mazen qed jghidli jien I'l don't accept any changes, dak mhux vera assolutament xejn. U fejn qal ukoll meta gabu sistema gdida xi haga tal______jien lanqas biss kont naf biha. Jien sirt nafbiha dik waqt l-appraisal".* (sed 18-03-2015 pag 35).

**Sharon Darmanin:** Indirect Marketing Executive mas-socjeta intimata. Kienet ilha impjegata ghall xi seba snin u hadmet mar-rikorrenti ghal numru ta' snin.

"*Le Connie kienet dejjem persuna li anzi dejjem lesta li tghin lil kulhadd specjalment anke in-nies li jigu godda dejjem kienet wahda minn dawk li tghinhom, kienet inklussiva hafna*", (sed 22-04-2015 pag4.

**Caroline Mousu:** kienet ilha tahdem xi sentejn **f**ir-reservations mas-socjeta intimata.,ghall mistoqsija ta L-Avv Ian Spiteri Bailey "*Ok u mbaghad il-komportament ta' Connie mas-superjuri taghha kif kien?".*
**Xhud**
" *Meta kienet tahdem hemm fis-sens sa fejn kont nara jien, hi kienet direttament ma' wahda mill-bosses speci ta'".*
*"Relazzjoni tajba hafna*".(sed 22-04-2015 pag12)

**Avv Ian Spiteri Bailey: "***Qatt had gie jikkomplenja mieghek dwarha*?"
**S.D"** *Le Le*". (pag 5).

**Is-sintezi tat-trattazzjoni tal-kaz:**

**Avv Ian Spiteri Bailey :** Fit trattazzjoni tieghu gibed l-attenzjoni rigward ittra ta' warning datata 22-03-2013 li ma kienetx ipprezentata, riferenza ghal email ta' Maris Gatt fejn ir-rikorrenti kienet qed tigi infurmata li l-apologija taghha kienet qed tigi accettata u incidenti bhal ma gara ma kienux ser jigu ittolerati.
Hawn l-Avukat staqsa jekk kemm il-darba din l-email ghandix tittiehed bhal warning.
L-Avukat kompla jikkonferma li waqt il-laqgha li ir-rikorrenti kellha ma Mazen Hathout rigward il-kuntratt ta'xoghol gdid, id-diskussjoni kompliet fir-rigward tal-performace appraisal u l-Avv Ian Spiteri Bailey irriafferma ix-xhieda li kienet intqalet mill-istess Mazen fir-rigward li ir-rikorrenti kienet

dejjem apprezzata ghax-xoghol taghha, li kien tajjeb. Ghaldaqstant l-Avukat staqsa x'gara f'temp ta' tlett ijiem biex minn kuntratt ta' xoghol gdid ir-rikorrenti tispicca imkeccija? Inghad ukoll li minn performance appraisal li kellu ikun ezercizzju kostruttiv spicca wiehed fejn ir-rikorrenti giet mitluba tiffirma warning ghax intqal li hi ma kienetx qed taccetta li l-attitudni taghha fuq ix-xoghol ma kienetx wahda tajba, fl-istess laqgha ir-rikorrenti rat zewg statements li is-socjeta imtimata ipprezentat fix-xhieda taghha.

L-Avv Ian Spiteri Bailey gibed l-attenzjoni meta qal "_____________u hekk qed jghidulha fl-ittra tat-terminazzjoni, you continued to deny all allegations, tajjeb mela ghax jichad x'haddiehor qed jghid fuqi, jitterminawli l-impieg.

**Avv Paul Gonzi:** Fit-trattazzjoni tieghu ta' spjega rigward it-tkeccija tar-rikorrenti u qal "_______din ma kienetx decizjoni facli li tittiehed____________________l-kumpanija verament f'dak il-hin ma kienetx qed tipprova tivvinta xi skuza biex lir-rikorrenti tkeccija u mhux il-kaz,___"(pag 7). L-Avukat spjega l-andament tal-perjodu minn Marzu sal-gurnata tal-performance appraisal, fejn qal li l-attitudni tar-rikorrenti ma kienetx wahda tajba, u li id-diskussjoni waqt l-appraisal kienet qed tesprimi dan l-andament fejn ir-rikorrenti giet mghotija warning u li hi ma riditx tifferma kif ukoll l-anqas l-istess performance appraisal.

**L-**Avv Paul Gonzi fakkar f'dak li gara meta ir-rikorrenti giet allegata li qalet xi kliem indicenti wara li giet mitluba tmur l-ufficcju tal-manager sabiex ikellimha, kif ukoll semma il-kaz meta il-management kien baght email bhala warning lir-rikorrenti, fejn qieghed jistaqsi jekk tali email ghandix tigi mehuda bhala warning jew le?. Issemmew ukoll ix-xhieda li gew mghotija minn impjegati tas-socjeta intimata li dawn qalu li l-attitudni taghha maghhom kienet saret wahda negattiva.

**Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu hares lejn dawn l-aspetti

Il-perjodu konsiderevolmant twil tal-hajja lavorattiva tar-rikorrenti dak ta bejn 10/02/2009 u 1/03/2013, ftit anqas minn hames snin kif ukoll l-ambjent u ir-relazzjonijiet, f'dak li huwa xoghol bejn l-impjegati nfushom u il-management, kemm fil-passat kif ukoll matul iz-zmien li matulu waslet it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.

Minn dan il-fatt it-tribunal fehem sewwa li ir-rikorrenti kienet persuna biezla u li qatt ma giet mghoddija dixxiplina fuq xi nuqqasijiet li setghet ghamlet. Dan gie ikkonfermat kemm b'xhieda diversi ta' impjegati, kif ukoll mill-istess General Manager Mazen Hathout (sed 18-06-2014 pag 29;32).

It-tribunal fehem sewwa l-instanza tar-regularizazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti b'forma ta'kuntratt li kien ser isir ghall-ewwel darba wara numru ta' snin impjegata mas-socjeta intimata.

Waqt it-trattament ta' dan il-kaz, jinghad li din il-persuna kienet indikata li kellha attegjament negattiv, kemm ma' l-impjegati kollegi kif ukoll mal-management. Dan zgur ma jregix ghat-Tribunal, meta ma inghatawx l-ebda provi konkreti kif u ghaliex ir-rikorrenti setghet kellha problemi ta' attitudni kif inghad, u x'effett negattiv kien qed jirrizulta minn dawn il-problem fuq is-socjeta intimata.

It-Tribunal ta' kaz ukoll ta' l-incident fejn intqal xi kliem mir-rikorrenti wara li il-General Manager dahal fl-ufficju taghha u talabha sabiex tmur tkellmu fil-hin vicin li hi suppost kellha titlaq mix-xoghol. Dan il-kliem gie mghoddi lil l-istess General Manager minn wahda mill-impjegati kif tat ix-xhieda taghha. It-Tribunal Industrijali meta isib li il-kliem li jkun intqal jipprezenta ambigwita, it-Tribunal jaghti l-interpretazzjoni naturali u ordinarja fit-tifsira ta' dan il-kliem (Southern vs Charesly & Co 1998 IRLR 2.78CA).
Ghaldaqstant, it-Tribunal ma fehemx li dan il-kliem kellu valur siewi li kellu iwassal ghat-tkeccija tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti kien qed isirilha "Performance Appraisal", ghal l-ewwel darba bhal l-impjegati l-ohra kollha, peress li is-socjeta kienet qed tipprepara ruhha sabiex timmeljorja il-Quality Assurance ta' l-andament fix-xoghol taghha. Fl-istess cirkustanza mhux biss inghatat warning izda gie itterminat l-impieg taghha.
Fir-rigward tal-hekk imsejjhin warnings it-Tribunal jaghmel differenza netta bejn meta tingibed l-attenzjoni sabiex ix-xoghol isir ahjar u meta tinghata twissija netta dwar xi nuqqas fix-xoghol u li persistenza ta' dan l-agir jista iwassal ghall passi dixxiplinarji aktar horox inkluz it-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal innota li filwaqt li saret xi riferenza ta' xi **disciplanary meeting** (ittra datata 2 ta' Novembru 2013), ma inghatat l-ebda xhieda li ir-rikorrenti kienet giet ipprezentat b'xi "Letter of Charge", kif ukoll giet mghoddija xi process dixxiplinarju fejn hi kien ikollha id-dritt ta' smiegh xieraq kif ukoll li tiddefendi ruhha, (audi altarem parte). Kieku gara hekk, u darba seta' jigi ippruvat li il-pariri mghotija lilha minn naha tas-socjeta ta' kif il-lanjanzi taghha setghu gew irrangati fit-temp immedjat, kif riferut mil-laqghat hekk imsejjha disciplinary hearings, kieku l-affarijiet kienu ikunu aktar cari u minghajr l-ebda ekwivoku.

## 6. Id-deċiżjoni:

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi.

Meta wiehed ihares lejn dak li irid jaghmel il-management ta' socjeta, u kif ghandu isir, isib li f'dan il-kaz ma jinstab xejn sufficjenti sabiex ir-rikorrenti jigi itterminat l-impieg taghha. Li kieku ghall xi raguni valida hi kellha tigi itterminata, anke hawn il-metodu uzat kien ghal kollox inaccettabbli.

It-Tribunal jifhem u jaccetta cirkostanzi fejn ikun gustifikat li jintemm l-impieg ta' impjegat/a bhala mizura ta' dixxiplina. Fil-kaz ittrattat it-Tribunal ma' giex konvint li n-nuqqasijiet li wettqet ir-rikorrenti kienu jikkostiwixxu xi att tant gravi li kien jimmerita tkeccija mill-impieg. Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jaqta u jiddeciedi li it-tkeccija tar-rikorrenti ma kienetx wahda gusta u skond il-ligi.

F'din ic-cirkostanza, it-Tribunal qies iz-zmien li ir-rikorrenti ghamlet tahdem mas-socjeta intimata, l-eta taghha, kif ukoll il-motivazzjoni taghha li fi zmien qasir sabet impieg, u ghalhekk jiffissa kumpens dovut lir-

rikorrenti ta' elfejn 2,000 euro. Dan l-ammont irid jithallas mis-socjeta fi zmien erba gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

James Pearsall

Chairman